TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 231/10

**Carmen Deguara**

**vs**

**Security Solutions Ltd.**

Illum 16 ta' Frar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Mejju, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' sitt mija u ħames ewro u sitta w għoxrin ċenteżmi (€605.26), rappreżentanti prezz ta' *CCTV cameras* li wara li ġew installati, ma kinux qed jaħdmu.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, pero' m'attendietx għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat *CCTV cameras* għad-dar tagħha u minkejja li fil-bidu kien hemm misunderstanding fuq il-prezz, ir-rikorrenti ħallset il-prezz kollu. Pero', wara erba' xhur ta' użu s-*CCTV cameras* ma kinux qed jaħdmu.

Mix-xhieda tar-rikorrenti, t-Tribunal jikkonkludi li l-ħsara hija fil-4 way switch unit.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' intimata m'attendietx għas-seduta minkejja li debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjħa tliet darbiet.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mija u tmintax-il ewro u erbgħa w sittin ċenteżmi (€118.64), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888